Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9321/26**

**SOC 265**
**EMPL 118**
**GENDER 36**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Italja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Italja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni (UE) 2025/2802[2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2028.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Stefano PIZZICANNELLA sar vakanti siġġu ta' membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(3) Il-Gvern tal-Italja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU C, C/2025/2802, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/2802/oj)

*Artikolu 1*

Is-Sa Agnese CANEVARI hija maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sur Stefano PIZZICANNELLA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2028.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*
*Il-President*